38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Imejl: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
*Freephone* 153

# Ħlas ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali Neqsin

## Ħarsa ġenerali

Din l-iskema hija maħsuba għar-residenti Maltin jew persuni reġistrati taħt l-Att dwar is-sigurtà soċjali Maltija (Kap. 318.). L-applikanti eliġibbli jistgħu jħallsu b'lura kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali li huma nieqsa mill-istorja tal-kontribuzzjoni rispettiva tagħhom.

## X'ser jingħata

Permezz ta' din l-iskema persuna tistgħa jsir eliġibbli għall-pensjoni kontributorja tas-sigurtà soċjali, jew inkella jikkontribwixxu f'titjib fir-rata ta' ħlas tal-benefiċċji attwali jew potenzjali.

Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jipproċessa kull applikazzjoni li jirċievi u, apparti minn Rendikont ta' Arretrati, joħroġ ukoll stima komparattiva tar-rata tal-pensjoni skond l-arretrati mniżżla mħallsa jew le. L-applikanti jiġu nfurmati wkoll formalment jekk l-applikazzjoni tagħhom ġietx irrifjutata jew jekk il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet nieqsa eventwalment mhux se jżid ir-rata tal-pensjoni tagħhom.

## Eliġibbiltà

Kriterji ta' eliġibbiltà ġenerali:

- L-applikanti għandhom ikunu normalment residenti f'Malta u reġistrati taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.)
- L-applikanti għandhom ikunu bl-eta' ta' bejn id-59 u l-64 sena (ikunu għadhom m'għalqux il-65 sena)
- L-applikanti għandhom attwalment jaħdmu bi qligħ u jiġu rreġistrati bħala tali mill-Aġenzija tax-Xogħol Jobsplus

Skond id-dispożiżżjonijiet ta' din l-iskema, l-applikanti eliġibbli jistgħu jitħallew iħallsu massimu ta' 260 Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (ekwivalenti għal 5 snin ta' assigurazzjoni), li mhux neċessarjament għandhom ikunu jinsabu fl-aħħar ħames snin qabel id-data tal-applikazzjoni. Il-ħlas ta' arretrati ta' kontribuzzjonijiet m'huwiex permess għal perjodu meta l-applikant ma kienx normalment residenti f'Malta.
Ir-rata applikabbli dovuta għall-ħlas ta' Arretrati tal-Konrtibuzzjonijiet hija r-rata standard ta' Klassi 2 (SA) kif applikabbli għas-sena tal-ħlas.

## Kif tapplika

Imla u ssottometti l-applikazzjoni onlajn.